MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Numru. 852/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Charlie Azzopardi bin Joseph u nee' Cathrine nee' Portelli,**
**imwieled fis-26 ta' Dicembru, 1965 u residenti 27, Triq l-Gharus, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 566(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Charlie Azzopardi li gie akkuzat talli fit-08.10.2008 u fiz-zmien ta' qabel bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil huh Michael Azzopardi fil-pussess ta' hwejgu meta dahal fl-ghalqa msejha Ta' Sabbaratt limiti tax-Xewkija,

Ghawdex liema raba hija validament imqabbla lill-istess Michael Azzopardi minghand il-Gvern ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Billi mill-provi jirrizulta illi l-imputat ukoll ghandu pussess tal-ghalqa kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri datata 2 ta’ Marzu, 2010, dokument ‘MA’, tilliberah minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------